Kunsill Lokali L-Imsida

**Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.**

**L-Erbgħa 15 ta'April 2020** (mħassra minħabba miżuri ta'sahħa COVID 19)

**Rapport Annwali Amministrattiv** (Jannar – Diċembru 2019)

**Werrej**

**1 - Introduzzjoni**
**2 - Popolazzjoni**
**3 - Kunsilliera u karigi**
**4 - L-Amministrazzjoni tal-Kunsill**
**5 - Ħaddiema sekondati**
**6 - Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill**
**7 - Kumitat Amministrattiv Swatar**
**8 - Permessi mahruga mill-Kunsill**
**9 - Talbiet ta'residenti**
**10 - Kuntatt**
**11 - Deskrizzjoni ta'ħidma mwettqa**
**12 - Konklużjoni**

## 1- Introduzzjoni

Is-sena 2019 kienet mimlija b' diversi xogħolijiet u inizjattivi b' risq il- komunità, ġewwa l-Imsida u s- Swatar taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida. Ta' min isemmi li fit-30 ta'Ġunju 2019 waslet fi tmiem is-seba' leġislatura. Nieħu l-okkażjoni biex insellem lil dawk il-kunsilliera kollha li sa mill-ewwel leġislatura taw il-kontribut tagħhom b' diversi xogħolijiet u inizjattivi b' risq il- komunità ġewwa l-Imsida u s- Swatar u nawguraw lil kunsill ġdid kull suċċess ta' ħidma b'risq il-komunità ġewwa l-Imsida.

Dejjem bl-għajnuna tas-Sindku, il-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill saru sforzi akbar biex ġew mtejjba numru ta'servizzi.

Bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali tal-Imsida kellu matul 2019, xorta għamel passi kbar il-quddiem u qed jirsisti aktar sabiex jara li l-Imsida u r-residenti jkunu qed igawdu aktar minn titjieb, manutenzjoni neċessarja madwar it-toroq u attivitajiet oħra.

L-allokazzjoni għas- sena 2019 kienet € 626.196 li flimkien ma' dħul ieħor wasslu biex il-Kunsill jżomm pożizzjoni finanzjarja stabbli ħalli jkun jista' jaqdi aħjar il-funzjoni tiegħu. Għalhekk kien ta' sodisfazzjon, li minkejja kien hemm żieda sostanzjali fin- nefqa operattiva u amministrattiva biex jingħataw servizzi mitluba mill- funzjoni, il-Kunsill Lokali xorta rnexxielu jżomm bilanċ pożittiv li ser jippermetti biex titkompla l- ħidma biex il-lokal ta' l-Imsida ikun aħjar.

Bhal snin ta'qabel waħda mill-akbar sfidi tibqa dejjem il-permessi għall- iżvilupp ta' bini li għadu kull ma jmur dejjem jikber u l- problemi li dan iġġib miegħu meta l-Kunsill ikun qed jipproċessa permessi għal- makkinarju u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' kostruzzjoni.

Dan l- iżvilupp qed iwassal għal-aktar bejgħ jew kiri ta' propjetà' li wkoll twassal għall-numru akbar ta' residenti lokali u oħrajn barranin li għal diversi raġunijiet jiġu jgħixu ġo l-Imsida. Dawn wkoll qed igawdu mis-servizzi offruti mill- Kunsill Lokal li kull ma jmur qed jiżdiedu.

Bħal kull sena b' dispjaċir ngħid li l-Kunsill Lokali tal-Imsida għadu qed jiffaċċja n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġu l-iskart u numru ta' abbużi oħra. Dan dejjem qed iwassal biex boroż tal-iskart u materjal ieħor qed jibqgħu barra fit-toroq għal ħinijiet twal, li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal iġjene kif ukoll għad-dehra ta' din il-Lokalita' li jixirqilha ferm aħjar. Il-Kunsill qed jagħmel kull sforz biex din is-sitwazzjoni, tirranġa.

Beda ix-xogħol biex matul is-sena 2020 ssir Kampanja Edukattiva permezz ta' tabelli informattivi dwar l-skeda li se jkunu permanenti fit-toroq.

Saru sforzi akbar biex jintbagħatu uffiċċjali għal- infurzar fuq ronda fejn qed ikun hemm rapporti ta' abbużi. Minkejja li saru bosta ċitazzjonijiet għad hemm aktar lok fejn ssir progress. Il- problema prinċipali hija li l-abbużi ssiru ġo ħafna postijiet u f' ħinijiet differenti filwaqt li numru ta'uffiċjali u siegħat li jistgħu jagħmlu ma hux biżżejjed. Tajjeb li wieħed jagħmel enfasi li l-Kunsill ma jdaħħal xejn minn dawn iċ-ċitazzjonijiet.

Bl- għan li titjieb l-effiċjenza ttieħdu passi biex ikun hemm aktar superviżjoni lokali fuq dak li qed jiġri fil- lokalita', dawn għandhom ikunu qed jivverifikaw u jieħdu azzjoni meħtieġa fejn jidħlu:

- Permessi jew abbuż mill-iżviluppaturi,
- Jgħinu lill- amministrazzjoni fil- verifika jew assistenza għal- ilmenti tar-residenti,
- Jagħmlu dak kollu neċessarju biex jiżguraw li dawk il-kuntratturi li huma imqabbda mill- Kunsill Lokali tal-Imsida biex jgħattu xi servizz jagħmluh kif xieraq u skond il-kuntratt.

Matul is-sena ttieħdu diversi inizjattivi fejn ġew ppjanata u sar xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni li se jingħata aktar dettal fuqhom fir-rapport.

Matul is-sena 2019 sar bosta xogħol ta' tisbiħ f'din il-Lokalita' u għalhekk hemm dejjem bżonn ta' aktar fondi biex jitwettaq il-programm sħiħ ta' manutenzjoni meħtieġa fuq bankini u ħitan li saru u qed isiru mill- ħaddiema assenjati mal-Kunsill u anke ħaddiema tal-FTZD.

Minkejja li kompliet il-ħidma biex jinkisbu permessi u fondi għal numru ta'proġetti li ssemmew fir-rapport tas-sena l-oħra bħal latrina go Misraħ 5 ta'Ottubru, il-ġnien go Misraħ San Guzepp u il-promenade go Triq Xatt ta 'Xbiex. Kien hemm bżonn li dawn jiġu temporanjament mwaqqfa għar-raġunijiet ta' żvilupp nazzjonali liema dettal minnhom se jissemma hawn taħt u l-oħrajn aktar il-quddiem f'dan ir-rapport.

Matul is-sena 2019 kien ġie mħabbar li l-proġett għall-promenade go Triq Xatt ta' Xbiex ser ssir mill-Grand Harbour Regeneration Corporation (GHRC).



Matul is-sena 2019 il-Kunsill Lokali ħadem u kellu bosta laqgħat biex tingħata’ l-preċedenza għal-kostruzzjoni jew tiswija tat-toroq mill-*Infrastructure Malta u* awtoritajiet oħra.

Fost dawn kien hemm toroq li bdew fl-ahhar ta’ 2018 u tlestew ma’ oħrajn li bdew matul is-sena 2019 u li xi wħud tlestew fil-bidu ta’ sena 2020.



Triq is-Sarg



Triq Mons Innoċenz Zammit



Triq Giorgio Mitrovich



Triq is-Snajja'





Triq it-Torri n-naħa tas-Swatar (l-Imsida)



Trejqa ta’ Box Box

Matul is-sena 2019 beda u tlesta l-ewwel nofs tax-xogħol fuq il-pont tal-Wied ta’ l-Imsida. Dan wasal biex kien hemm titjieb fis-sistema tat- traffiku filwaqt li parti mit-triq inbidlet f'masġar żgħir .








Matul is-sena 2019 il-Kunsill Lokali organizza, ħa sehem u ppartecipa' f'bosta attivitajiet jew inizjattivi soċjali, kulturali u edukattivi ma' diversi għaqdiet, NGO's u l-awtoritajiet għas- sigurtà' fost oħrajn. Liema attivitajiet se jingħata' aktar dettalji l-quddiem fir-rapport. Dawn se jkomplu jsiru matul l-2020 fejn fost oħrajn hemm pjanijiet għall-parteċipazzjoni aktar miftuħa fejn tidħol l-Inklużjoni.

Matul is-sena 2019, il-Kunsill Lokali wera wkoll interess, applika u kiseb fondi biex jintużaw għal- ħarsien tal-annimali li se jintużaw matul is-sena 2020.

Dan ir-rapport jinkludi tagħrif dettaljat tal-ħidma tal-Kunsill Lokali L-Imsida u indikazzjoni tal-ħidma pjanata għas-sena 2020.

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv.

## 2- Popolazzjoni

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida huwa raħal ta' madwar 9675 votant (Dati meħuda minn fuq ir-reġistru Elettorali ta' Ottubru 2019)

Iż-żieda fil-popolazzjoni stmata għal lokalita' tal- Imsida mill-ewwel ta' Jannar 2015 sa' l-ewwel ta' Jannar 2019

L-1 ta' Jannar 2015 kienet ta' 9,413
L-1 ta' Jannar 2016 kienet ta'' 10,211
L-1 ta' Jannar 2018 kienet ta' 12,216
L-1 ta' Jannar 2019 kienet ta' 13,713

Żieda tal-popolazzjoni matul dan il-perjodu kienet ta' 4300

Dan jagħti indikazzjoni kemm qed tikber b'rata mgħaġġla l- popolazzjoni u l-iżvilupp li qed ssir li se jkompli jwassal għal-aktar tkabbir fil-popolazzjoni.

## 3- Kunsilliera u Karigi

Il-Kunsill elett matul din il-leġislatura huwa magħmul minn disa' Kunsillieri eletti fejn beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Din il-leġislatura hija pjanata li jkollha terminu ta' hames snin, jiġifieri sa Ġunju 2024, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġislatura dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien Kunsilliera. Kull wieħed għandu responsabbiltà' skond l-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali.. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet mogħtija lilu bil-Kap 363 ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erba' uffiċċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, *quantity surveyor* u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati huma li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet fdati lil Kunsill bħala l-Gvern Lokali tal-Imsida.

## Il-Kunsill bejn l-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019



## Leġislatura 7

Sindku Margaret Baldacchino Cefai: *Customer Care,* Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Edukazzjoni u Kultura, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd.

Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras: Finanzi u Fondi tal-UE, sostitut tas-Sindku fuq il-Kumitat tar-Reġjun.

Kunsillier Lino Bartolo: Anzjani u nies bi' bżonnijiet speċjali, Ġonna Pubbliċi.

Kunsillier Emmanuel Brincat: Infrastruttura (MEPA), *Traffic Management*.

Kunsillier Charles Selvaggi: Infrastruttura (MEPA), *Traffic Management*, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd.

Kunsillier Maurice Agius: Indafa Pubblika, u Anzjani.

Kunsillier Alan Abela-Wadge: Żgħażagħ, u Sport

Kunsillier Romina Galea: Żgħażagħ, u Sport

Kunsillier Matthew Agius: Fondi ta' l-UE, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd.

Kumitat tal-Finanzi :Margaret Baldacchino Cefai, Alex Sciberras, Lino Bartolo, Maurice Agius u Alan Abela Wadge.

Kumitat tal-Offerti Pubbliċi : Margaret Baldacchino Cefai, Alex Sciberras, Lino Bartolo, Emmanuel Brincat u Matthew Agius.

**Leġislatura 8**

**Il-Kunsilliera Eletti , Responsabiltajiet u l-impjegati tal-Kunsill Lokali L-Imsida.**




**Il-Kunsill elett mil-1 ta' Lulju 2019:**

Sindku Margaret Baldacchino Cefai: *Customer Care,* Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd, Indafa, Servizzi, Integrazzjoni, Komunitajiet, Librerija

Viċi-Sindku: Romina Galea : Anzjani, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun

Kunsillier Jean Claude Borg: Kultura, Dawl tat-Toroq

Kunsillier Nicholas Joseph Chircop: Sports, Żgħażagħ u Tfal

Kunsillier Emanuel Brincat: Infrastruttura, Proġetti, Siti ta' kostruzzjoni, Traffiku, Għajn tal-Ħasselin, Monument GWU, Rappreżentant Ewlieni tas-Sotto Kumitat tas-Swatar

Kunsillier Charles Selvaggi: Innovazzjoni, Ħarsien ta' l-annimali

Kunsillier Maurice Agius: Qasam Soċjali, Persuni b'diżabilità'

Kunsillier Alfred Farrugia: Ambjent, Dawl tal-ġonna, Manutenzjoni ta' Ġonna, Funtani, Bust u Monument, Postijiet pubbliċi

Kunsilliera Judy Sciberras: Edukazzjoni

Il-Kumitat tal-Finanzi huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi u Joe Demarco flimkien mal-Accountant u s-Segretarju Eżekuttiv.

Kumitat tal-Offerti Pubbliċi huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi, Nicholas Joseph Chircop, Kunsillier responsabbli għas-suġġett, u ma' dawn jista' jinħatar espert fis-suġġett estern flimkien ma' Avukat u Awditur.

**4- L- Amministrazzjoni tal-Kunsill**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill matul 2019 kienet komposta kif ġej:

Alan Vella *: Segretarju Eżekuttiv*
Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, kemm amministrattiv, finanzjarju u dak legali.

Is-Sinjura Rachel Aquilina : *Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, u riżorsi umani.

Is-Sinjura Sonia Vassallo : *Assistent Prinċipal*
Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, permessi u ħlasijiet.

Is-Sinjorina Mirane Camilleri :*Assistant Prinċipal*
Responsabbli mill-midja, *Facebook*, stimi u xiri.

Is-Sinjura Naomi Baldacchino : *skrivan*

Responsabbli għar-relazzjonijiet Pubbliċi, Servizzi u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, korsijiet u ħlasijiet oħra.

**5- Ħaddiema s-sekondati mal-Kunsill:**

**CWEF**

Is-Sur Jesmond Schembri Team Supervisor

Is-Sur Joseph Baldacchino

Is-Sur Ricky Scerri sal-15 ta'Lulju 2019

Is-Sur Alfred Farrugia

Is-Sur Benjamin Zarb

Is-Sinjura Diane Vella bdiet nhar il 11 ta'Marzu 2019

Is-Sur Emanton Spiteri beda nhar it-23 ta'Settembru 2019

**IPSL**

Is-Sur Ray Vella

Is-Sur Joseph Gerada

**6- Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.**

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2019 inżammu 14-il laqgħa min L7-85 sa L8-08 u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija.

**Attendenza għall laqgħat tal-Kunsill – sa Ġunju 2019** (minn 6 laqgħat)

Sindku Margaret Baldacchino Cefai: 6 Preżenti

Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras: 3 Preżenti - 3 Skużat

Kunsillier Emmanuel Brincat: 5 Preżenti - 1 Skużat

Kunsillier Lino Bartolo: 6 Preżenti

Kunsillier Charles Selvaggi: 6 Preżenti

Kunsillier Maurice Agius: Preżenti - 1 Skużat

Kunsillier Alan Abela-Wadge: 4 Preżenti - 1 Skużat - 1 Assenti

Kunsillier Romina Galea: 6 Preżenti

Kunsillier Matthew Agius:3 Preżenti - 3 Skużat

**Attendenza għall laqgħat tal-Kunsill – bejn 1 ta' Lulju sa 31 ta' Diċembru 2019** (minn 8 laqgħat)

Sindku Margaret Baldacchino Cefai: 8 Preżenti

Viċi-Sindku Romina Galea: 8 Preżenti

Kunsillier Jean Claude Borg: 8 Preżenti

Kunsillier Emanuel Brincat: 8 Preżenti

Kunsillier Nicholas Joseph Chircop: 8 Preżenti

Kunsillier Maurice Agius: 7 Preżenti - 1 Skużat

Kunsillier Alfred Farrugia: 8 Preżenti

Kunsilliera Judy Sciberras: 7 Preżenti – 1 Assenti

Kunsillier Charles Selvaggi:8 Preżenti

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella, ħa ħsieb il-laqgħat tal-Kunsill.

**7- Kumitat Amministrattiv Swatar**

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien jieħu ħsieb iz-zona li taqa' taħt il-Kunsilli Lokali ta-Imsida u ta' Birkirkara rispettivament.

Dan il-Kumitat kien baqa' fis-seħħ sat-30 ta' April 2019 u kien magħmul minn ħames persuni li jieħdu ħsieb jamministraw ż-żona tas-Swatar. Il-Kunsill Lokali L-Imsida dejjem mexa id f'id ma' dan il-Kumitat għall-ġid tar-residenti ta' din iż-żona.

Matul is-sena 2019 saru erba' laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija. Is-Segretarju Eżekuttiv Michael Mifsud ħa ħsieb Il-laqgħat tal-Kumitat.

Is-Sur Matthew Mangion: 4 preżenti -

Is-Sur Owen Attard : 4 preżenti -

Is-Sur Jimmy Attard: 4 preżenti

Is-Sur Emmanuel Galea: 4 preżenti

Is-Sinjura Deborah Galea: 4 preżenti

Is-Segretarju Eżekuttiv Michael Mifsud, ħa ħsieb il-laqgħat tal-Kumitat.

Il-kunsill lokali L-Imsida jixtieq jirringrazzja lil dan il-kumitat tax-xogħol siewi li għamel.

**8- Permessi mahruga mill-Kunsill**

Matul is-sena 2019 ġew ipproċessati 3,805 applikazzjoni ta' permessi dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinqasmu f'diversi kategoriji fosthom:

- 3390 relatati ma' makkinarju għall- kostruzzjoni , *scaffoldings* u materjal,
- 15 relatati ma' tħaffir ta' toroq,
- 342 relatati ma' tqegħid ta' *skips,*
- 46 relatati ma'kjosk u
- 12 relatati ma'mwejjed u siġġijiet jew attivitajiet li jinħargu fiż-żmien tal-festa tal-lokal

## 9- Talbiet mir-residenti

Matul is-sena 2019, il-Kunsill irċieva 1,839 talba għal l-assistenza fejn 92% ġew proċessati u magħluqa, filwaqt li 2% biss kienu għadhom qed jiġu proċessati sal-aħħar tas-sena 2019. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra it-talbiet li jaslulu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll fuq it-talbiet li jkunu għadhom pendenti. Fost it-talbiet kien hemm:

- Xogħol ta' tindif u manutenzjoni madwar il-lokalitajiet ta' l-Imsida u Swatar
- Xogħol ta'żebgħa fit-toroq
- Ġbir ta' skart goff u dak domestiku
- Rapporti ta' dwal tat-toroq (li tajjeb li ngħidu li jinqasam f'2 kategoriji, dak tal-gvern Enemalta u dak taħt responsabiltà' tal-Kunsill Lokali)
- Rapporti lil entitajiet ta' infurzar fosthom fuq skart maħruġ mhux skond l-iskeda u abbużi fil-qasam tal-kostruzzjoni fost l-oħrajn

Il-parti l-kbira ta' dawn ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd.(IPSL) u dawk taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunità (CWEF). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija għas-sena 2019.

| Ilmenti | Kunsill | Entitajiet Governattivi | Kuntratturi ta' Servizz għall-Kunsill | Dawl fit-toroq | Entitajiet Governattivi ta' Infurzar | Total | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 967 | 163 | 300 | 161 | 215 | 1,806 | 98% |
| Pendenti | 33 | n/a | 0 | 0 | n/a | 33 | 2% |
| Total | 1000 | 163 | 300 | 161 | 215 | 1,839 | 100% |

## 10- Kuntatt

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat ma' entitajiet u dipartiment diversi fejn ġew diskussi suġġetti varji relatati mal-Imsida, fosthom kien hemm laqgħat ma;

Transport Malta:

Fuq problemi ta' *traffic management* u Infurzar.

Infrastruttura Malta :

Dwar xogħol ta 'rikostruzzjoni ta' toroq residenzjali jew tiswijiet u periklu go toroq arterjali.

Water Services Corporation:

Dwar il-problemi ta'drenaġġ.

Pulizija:

Dwar aktar kooperazzjoni, infurzar u sigurtà fit-toroq tal-Imsida.

LESA:

Dwar aktar presenza ta'uffiċjali korrettivi minhabba infurzar fuq abbużi mill-kostruzzjoni, skart u parkeġġ illegali.

Dipartiment għat-tindif:

Fejn sar MOU għall-aktar għajnuna fit-tindif ta'żoni bħal Junior College u Xatt ta'Xbiex, flimkien ma għajnuna biex jiżdiedu jew jinbidlu numru ta' bins.

Enemalta:

Dwar rappurtaġġ aħjar u intervent fuq ħsara aktar effettiv, biex jiżdiedu numru ta'arbli ta'dawl fit-toroq.

Green Pak:

Dwar Kooperazzjoni aħjar biex jinġabar skart riċiklat, tqassim ta' boroż tar-riċiklaġġ għar-residenti, żamma tal-kunċett ġdid ta' l-iBins

WasteServ:

Dwar l-introduzzjoni tal-ġbir organiku u kif flimkien mal-Kunsill jistgħu jaħdmu aħjar, tqassim ta' bins ta l-iskart organiku u Sort It Out bins, tqassim ta' boroż għar-residenti

Id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali:

Dwar amministrazzjoni u proċeduri.

Kunsill u amministrazzjoni tal-Junior Collage u ta' l-Universita' ta' Malta

Dwar kontroll ta'traffiku, permessi meta jkun hemm Elezzjonijiet ,imġieba minn studenti barra il-kulleġġ u fejn jista' jkun hemm kooperazzjoni bejn studenti, l-amministrazzjoni u l- Kunsill.

MEPA:

Dwar Infurzar, applikazzjonijiet u fondi għall-proġetti tal Kunsill.

Kuntratturi u Żviluppaturi:

Dwar xogħlijiet, abbużi u sigurtà got-toroq.

Il-Knisja:

Dwar il-festa u kif tista' ssir aktar kollaborazzjoni

Għaqdiet:

Għall-aktar parteċipazzjoni attiva u kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill.

Assoċjazzjoni Kunsill Lokali:

Dwar amministrazzjoni, ftehim laterali, inizjattivi, proċeduri u laqgħat plenarji.

**11- Deskrizzjoni ta'ħidma mwettqa.**

Matul s-sena jsir ħafna xogħol li hemm ħafna minnu ma jidhirx bħal dak li jsir mill-uffiċċju fosthom ħlasijiet ta' kirjiet, rapporti lill- entitajiet li l-Kunsill mhux responsabbli għalihom, koordinament ta' xogħolijiet, tweġibiet ta' ħafna mistoqsijiet Parlamentari u mid- Dipartiment fejn dawn jieħdu ħafna ħin. Sar wkoll tqassim ta' boroż u bins għal skart organiku u dak għar-riċiklaġġ.

Ta' kuljum issir knis u tindif fit-toroq li dan jammonta għal €34,907 għall-Imsida u €6,160 għas-Swatar, jiġifieri total infieq għas-sena 2019 kien ta' €41,067.

Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda) u ta'skart organiku (borża bajda) li ssir skond l-Skeda. Dan jammonta għal €64,691 għall-Imsida u €11,938 għas-Swatar, jiġifieri total infieq għas-sena 2019 kien ta' €76,629.

Matul is-sena 2019, intlaqgħu 3,581 talba mir-residenti biex jinġabar skart goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali;
L-Imsida 3,098 talba għal 5,348 oġġett.
Is-Swatar 483 talba għal 893 oġġett.
Dan huwa servizz li jingħata 3 darbiet fil- ġimgħa, li jammonta għal € 22,482 fl-Imsida u € 2,992 għas-Swatar, jiġifieri total infieq għas-sena 2019 kien ta' €25,474.

Ġbir ta' skart għall- riċiklaġġ ( borża ħadra) ssir skond l-iskeda. Dan huwa servizz li jingħata darba fil- ġimgħa u provdut taħt l-skema tal-Greenpak.
Matul is-sena 2019 inġabru 507.12 tunnellata riċiklaġġ.

Matul is-sena 2019 intlaqgħu 1,388 talba għal ġbir ta oġġetti tal-elettriku jew batteriji – **WEEE** minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.
L-Imsida 1,154 talba għal 1,610 oġġett
Is-Swatar 234 talba għal 293 oġġett
Dan huwa servizz li jingħata darba fil-ġimgħa u provdut taħt l-iskema tal-Greenpak.

Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar jsir ġbir ta' ħġieġ li huwa wkoll provdut taħt l-skema tal-Greenpak u matul is-sena 2019 inġabru 48.02 tunnellata ta' ħġieġ.

Matul is-sena 2019 ġie ntrodott servizz ġdid għall- ġbir ta' ħwejjeġ użati minn wara l-bibien tad-djar residenzjali kull tielet Erbgħa tax-xahar. Madanakollu għal raġunijiet li ma kienx hemm kontroll fuqhom dan jinsab sospiż temporanjament. Iżda għadu qed issir depożitu ta' ħwejjeġ użati go kontenitur ħdejn il-Kunsill u ieħor fis-Swatar.

.







Bdiet ukoll kampanja ġdida mill-kumpanija WasteServ, hekk imsejħa ‘RoadShow Campaign’ fejn jsir sforz biex ikomplu jżidu r-rati ta 'riċiklaġġ u biex jonqos aktar l-iskart mill-miżbla. Wasteserv qed tagħmel użu minn flotta ta' trakkijiet tal-ġbir li jservu biex jippromwovu prattiki sostenibbli tal-iskart, b'enfasi speċifika fuq is-separazzjoni tal-iskart b'mod aktar effettiv u effiċjenti. Dan il-kunċett parti minn inizjattiva oħra tal-kampanja Sort It Out, se jnaqqas ukoll il-kontaminazzjoni ta’ skart għar-riċiklaġġ billi t-trakkijiet għandhom diviżorji għall-skart differenti. Din il-kampanja fit-toroq qed tagħmilha aktar faċli għall-pubbliku biex jarmi skart perikoluż bħal żejt tat-tisjir, bozoz u tubi tad-dawl. Dan is-servizz qiegħed skedat għal kull tielet Erbgħa ta’ kull xahar bejn it-8am – nofsinhar.





Bħal snin oħra il-Kunsill Lokali pparteċipa fil-Kampanja ‘Clean up the World’ li kienet finanzjata minn fondi tal-Kunsill u fondi oħra minn skema SPI /13/2019 fejn din is-sena ġie mnaddaf il-wied li hemm taħt it-Triq Indrì Grima gos- Swatar. Kien

nnotata b'sodisfazzjon li membri minn komunitajiet barranin ġew jagħtu s-sehem tagħhom u dan jawgura tajjeb għal quddiem.



Il-Fondi LESA li huma dħul li sar minn ċitazzjonijiet li tħallsu, ser jiġu utilizzati sabiex jitwaħħlu tabelli ta' l-iskart f'kull triq u jiġi ppublikat ukoll ktieb bl-ismijiet tat-toroq ta' l-Imsida u Swatar. Dawn ġew mogħdija lill Kunsill Lokali wara li l applikazzjoni bil-proposti ġiet aċċettata minn bord maħtur bejn L.E.S.A , A.K.L u S.P.I.




Attività relatata ma imġieba u indafa pubblika ġiet organizzata mill-kunsill studenti tal-Junior college li konsulta mal-kunsill bil-għan li jiġi provdut materjal marbut ma' din l-attivita. Il-Kunsill ħaseb biex iwassal messaġġ qawwi dwar filters ta'sigaretti mormija fiz-zona u ġie provdut ammont ta'portable *mini bin ashtray pockets* li kienu ġa għandu għal skop biex jitqassmu waqt attivitajiet. Attivitajiet bħal dawn

jikkumplimentaw pjan ieħor tal-kunsill biex jinstalla *outdoor ashtrays* matul is-sena 2020 meta jitlesta ix-xogħol ta'dawl ġdid fiz-zona.




Il-Kunsill ghandu r-responsabbilita’ tat-tindif tal- ġonna, u taħwil ta’ pjanti u arbuxelli li jammontaw għal €23,387 għall-Imsida u €4,631 għas-Swatar. Jiġifieri total infieq għas-sena 2019 kien  jammonta għal €28,018.









Issir ukoll tiswijiet u bdil ta' bozoz fejn ikun hemm bżonn, b'total ta' infieq għas-sena 2019 kien ta' €29,140.

Matul is-sena 2019 sar xogħol ieħor fit-toroq madwar l-Imsida u s-Swatar li jkunu pjanat jew minn talbiet mir-residenti kif indikat fi' 3.1. Fost dawn jinkludu xogħolijiet ta'r*efreshing* tas-sinjali tat-toroq li jsir skond skeda ta' xogħol li tul is-sena tkopri l-Imsida kollha, xogħol ta' patching u twaħħil ta' tabelli.

F' Novembru 2018 beda ix-xogħol tal- Belvedere ġo Triq Indrì Grima is-Swatar li tlesta f'Jannar 2019. Dan kien finanzjat mill-fondi tar-Reġjun li jiġu mogħdija lil Kunsill Lokali minn dħul li jkun sar minn ċitazzjonijiet mħallsa li kienu jaqgħu taħt l-iskema preċedenti.





Matul is-sena 2019 sar xogħol ta'rutina għall- manutenzjoni ġenerali ġo l-Imsida u s-Swatar fosthom.

Tindif ta' spralli







Tindif tal- *water catchment* madwar Misraħ 5 t'Ottubru



Manutenzjoni u żebgħa mad-dawra ta’ Misraħ il-Barrieri




Manutenzjoni u żebgħa ta’ *zebra crossings* fi Triq Oscar Zammit




Bosta xogħol ieħor ta' żebgħa, tisbiħ, manutenzjoni, tabelli u oħrajn fosthom tibdil jew installazzjoni ta’ bins ġodda go Triq Victor Denaro, Junior College u ma’ bosta toroq tal-Imsida.


















Matul is-sena 2019 il-Kunsill Lokali ffirma MOU mad- dipartiment għat-tindif pubbliku biex ssir tindif u ħasil regolari skont skeda miftehma ta' zoni li huma wżati minn ħafna nies bħal ħdejn il-Junior College u Xatt ta'Xbiex. Kien hemm wkoll ftehim biex il-kunsill jingħata u jinstalla numru ta' bins.












Ma dawn ikun hemm wkoll xogħol ieħor barra mir-rutina bħal fil-maltempata li laqtet il-gżejjer Maltin u Għawdxin fi Frar 2019, fejn sfortunatament saru bosta ħsarat li kienu jirrikjedu xogħol ta' tindif u tiswijiet urġenti li saru kemm bil-ħaddiema jew il-kuntratturi tal-kunsill u anke għajnuna u interventi ta' entitajiet oħrajn fosthom tal-'Cleansing Department' u l-Protezzjoni Ċivili.









Xogħolijiet ta'żebgħa f' Misraħ San Ġużepp u Misrah 5 t'Ottubru mill-ħaddiema tal-Kunsill flimkien mal-ħaddiema tal- FTZD - Foundation for Tourism Zone Development




Go Triq  tas-Sisla s-Swatar fejn sar xogħol ta' tindif intensiv u manutenzjoni minn fondi tal-kunsill u taħwil ta' 20 żebbuga parti minn skema finanzjata minn Ambjent Malta.



Ma dawn kien hemm 205 pjanta u arbuxelli oħra fosthom Oleander, Metrosideron, Carissa u Hop bush li tħawlu madwar l-Imsida u s-Swatar.




Permezz ta' fondi tal-kunsill u oħrajn minn skema SPI/12/2018 Għal-Hajja Aħjar ġie installat apparat għall-eżerċizzju fiżiku (Walkers) biex jintuża minn adulti jew ġenituri flimkien mat- tfal ġewwa Wesghet il-Kunsill Lokali.





Sar wkoll xogħol finanzjat mill -Planning Development Fund. Dawn huma fondi li jinġabru mill-PA bħala penali għall-nuqqasijiet f'proġetti ta'żvilupp bħal eżempju nuqqas għall-parkeġġ provdut għal ammont ta'residenti li jistgħu ikunu qed jgħixu go binja żviluppata. Dawn il-fondi jiġu allokati go fond apposta skond il-lokal fejn ikun qed ssir l-żvilupp u l-Kunsill Lokali jista' jibbenefika biex jagħmel xogħol għall-beneficċju tar-residenti.

Matul is-sena 2019, il-*Planning Development Fund* approvat fondi biex il- Kunsill Lokali ikun jista' jagħmel xogħol fuq żewġt bankini ġo parti minn Triq it-Tabib Robert Naudi u Triq il-Baċir.











Kien hemm pjanijiet avvanzati biex jiġu approvati il-permessi u jinkisbu l-fondi mill-PA għall-proġetti tal-latrina go Misraħ 5 ta'Ottubru u go Misraħ San Guzepp iżda dawn kellhom jiġu temporanjament friżati kif il-Kunsill sar jaf li dawn kienu ġewwa iz-zona ta' proġett mħabbar tal-fly over tal-Imsida. Il-Kunsill qed jiddiskuti mal-Infrastructure Malta kif dawn il-proġetti jistgħu jkunu inklużi.

## Affarijiet Oħrajn

Bħal kull sena sar it-tiżjin tal-Milied mat- toroq prinċipali tal-Imsida. Dawn kienu finanzjati mill-fondi tal-Kunsill u tar-Regjun Ċentru fejn dawn ġew użati biex tkun inkluża Triq il-Prinċipessa Margaret.




Barra minn dan ingħata bidu għall-proġett biex matul is-snin li ġejjin ikun hemm armar b'tema tal-Milied fejn se jibda jintuża materjal riċiklat għal tiżjin go toroq u ċentral strips. Sfortunatament il-maltemp u riħ qawwi ma' ħalliex li l-ewwel struttura li swiet siegħat ta'xogħol u dedikazzjoni tkun tista' tintuża. Nawguraw li dan ikun possibbli flimkien ma' xogħol fuq disinji oħra ġa pjanata għall- Milied 2020.



Bħal kull sena l-Kunsill jipparteċipa f'kampanji Nazzjonali fost oħrajn hemm dawk ta' sostenn simboliku lill-komunità LGBTIQ u l-Monument tal-Haddiem mixgħul roża għall-Pink October.





Fost il-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali hemm l-Integrazzjoni fil-lokalita fejn go L-Imsida jeżistu diversi komunitajiet barranin. Qed isiru ħafna laqgħat u saret attività biex kulturi differenti jersqu lejn xulxin u jgħarrfu jaħdmu flimkien bħal voluntiera msemmija aktar qabel għal ġid tal-lokalita. Filwaqt li qed tittieħed wkoll kull okkażjoni biex l-impjegati kollha tal-kunsill jkunu mħarrġa għal dan il-għan li jġib miegħu ħafna sfidi.














Funzjoni oħra li l-Kunsill Lokali għandu hija dik tal-edukazzjoni u bħal snin oħra ma naqasx li jkompli jaħdem biex jippromovi attivitajiet relatati.

Is-Servizz tal-librerija kompla jikber minn sena għall-oħra fejn matul s-sena 2019, il-Kunsill lokali ħareġ fondi għal aktar kotba. Barra dan il-kunsill ħareġ fondi biex ikopri parti mill- ispiża u oħrajn ġew approvati minn skema SPI/10/2019 għal żvilupp inovattiv.Dan jikkonsisti f'apparat diġitali li  jagħti esperjenza virtwali ta'vjaġġi 3D go postijiet storiċi li kapaċi taqdi sa ħames persuni kull darba. Fl-2019 ġew wkoll mgħoddija ammont sostanzjali ta’ kotba mir-residenti.






Matul is-sena 2019 il-Kunsill Lokali applika u ser jirċievi fondi minn skema SPU/3/2018 biex matul is-sena 2019 biex flimkien ma’ inizjattivi oħra ikompli joffri aktar korsijiet fl-informatika għat-tfal u ghal- kbar. Filwaqt li qed ikompli jaħdem wkoll maċ-Ċentru Appoġġ tal-Imsida biex ikun hemm aktar inizjattivi ġodda għall-edukazzjoni tat-tfal. Korsijiet edukattivi li saru fis-sena 2019 kienu :

*Read with me* nhar ta’ Tlieta għat-tfal.

*Lifelong learning*.

Għajnuna *Homework* b’kollaborazzjoni maċ-Ċentru Appoġġ tal-Imsida.

Korsijiet fl-informatika għat-tfal u għall- kbar fosthom Learn IT, E-Construct, ECDL, Robotica u Coding




Matul is-sena 2020 il-Kunsill Reġjonali Ċentru se juża fondi biex jorganizza sessjonijiet ta' informazzjoni għal ġenituri u tfal fuq Cyber Security u taħriġ fuq esports. Il-Kunsill Lokali attenda għal laqgħa ta' Informazzjoni dwar dawn is-sessjonijiet u mill-ewwel wera interess , talab u ġie miftiehem biex sessjoni minn dawn ssir ġewwa l-Kunsill Lokali l-Imsida.






Fil-Kunsill Lokali komplew għaddejjien servizzi oħrajn bħal:

Tindif tal- Latrina Pubblika.

Berġa - tiftah kull nhar ta' Tnejn, u l-Erbgħa fejn issa hemm wkoll servizz ġdid ta'Podiatry.

Kif wkoll bħal snin oħra  l-Kunsill ħa ħsieb li jipprovdi s-servizz biex jagħti l-vaċċin tal-influwenza lil 273 residenti anzjani.

Ċentru ta' l-Anzjani - jiftah  kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa filwaqt li għas-sena 2020 se jiżdiedu servizzi ġodda għall-Anzjani.

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' ħarġiet li saru matul is-sena 2019 bi' skop kulturali, rikreattivi jew edukattiv, hekk kif deskritt hawn taħt fil-lista:

Ħarġa l-Arka ta' Noe Siġġiewi u Coffee Morning

Serata Sajfija għall-Anzjani

Tintbagħat kartolina ta'awguri f għeluq is-snin tal-anzjani u ssir Quddiesa u festin ġewwa ċ-Ċentru ta' l-Anzjani kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar.

B' parteċipazzjoni mad- Dar tal-Anzjani saret stedina għal dawk l- anzjani weħidhom għall- ikla ta'nofs nhar f' Jum il-Milied.









Kif wkoll, fejn huwa possibbli, l-impjegati tal-Kunsill huma dejjem minn ta'quddiem u disposti biex jassistu lir-residenti ħalli jkunu moqdija minn servizzi provduti minn entitajiet oħra bħal dawk mwassla mid- dipartiment tal-anzjani, Heritage Malta u koordinazzjoni bejn blokki residenzjali tal-gvern u l-awtorità tad-djar għall-manutenzjoni tal-komun.




Waħda mill-funzjonijiet li għandu il-kunsill Lokali hija biex iħares l-annimali u jipprovdi għal- ħarsien u kura tagħhom b' kollaborazzjoni ma' awtoritajiet responsabbli. Fil-bidu tal-leġislatura 8 beda jiġi mfassal pjan biex ikunu provduti cat kafè's adattati u *dog parks* kontrollati. Il-kunsill fassal proposti u applika għal skema SPI/SCI/9/2019 u kwalifika għal aktar fondi ma' dawk tal-kunsill biex matul is-sena 2020 jiġu organizzati l-*cat feeders* u jibda proċess regolarizzat ta'newtering u ssir iċ-ċipp lil qtates li hawn fil-lokalita'.

Ix-xogħol ġo l-uffiċċju amministrattiv kompla jiżdied permezz ta' ħafna nies li ta'kuljum jersqu lejn il-Kunsill biex jinqdew b'servizzi offruti. Il-Kunsill ġa għandu l-paġna facebook li twassal bosta informazzjoni dwar dak li qed ssir go l-Imsida u servi wkoll biex residenti jwasslu il-kummenti tagħhom. Matul is-sena 2018 beda il-ħsieb biex jiġi introdott mezz ieħor ta'komunikazzjoni permezz ta'App. Dan ġie varat f'Marzu 2019 u barra informazzjoni ġenerali dwar il-lokal, dan jinkludi wkoll faċilita biex ssiru rapporti ta'ħsarat u biex resident jkun jista' jitlob għal xi servizzi offruti mill- Kunsill Lokali. Matul is-sena 2020 Huwa pjanat li dan ikun jista' jiġi aktar żviluppat ma sistemi oħra kompatibbli biex jiffaċilita talbiet bħal permessi fost oħrajn.




Kull sena ġol lokalita tal-Imsida jiġu organizzati bosta attivitajiet kollaborazzjoni ma'bosta għaqdiet, biex ikun jista' iwassal attivitajiet sportivi u kulturali. Matul is-sena 2019 il-Kunsill Lokali fassal programm ta'attivitajiet matul is-sena biex ir-residenti ikunu jistgħu jibbenifikaw minn wirjiet ta' talent u atmosfera ferrieħa. Fost dawn kien hemm;

Żfin tal-Karnival go Misraħ San Guzepp.








Parteċipazzjoni flimkien mal-Għaqdiet ta' Zghazagh fil-Ġimgħa l-Kbira 2019








Programm ta'attivitajiet għal matul is-Sajf go Misraħ San Guzepp.














Sfida tradizzjonali tal-Ġostra, Għodwa Maltija, Kunċert minn Bandisti fil- Milied u oħrajn.









Ma' dawn il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb jorganizza wkoll Jum l-Imsida fejn matul Ġimgħa Msida ġew organizzati diversi attivitajiet kif muri hawn taħt:

Attività għall-Anzjani fil-Binja tal-Kunsill.

Marċi mill- banda u purċissjoni ta' tfal b'San Ġużepp sa'dar tal-anzjani.

Ittellgħet Serata Ġieħ L-Imsida, fejn din is-sena dan il-ġieh mar għall dawk il-kunsilliera li kienu eletti u servew tul il-Leġislatura 7.






L-Għaqdiet Misidjani jagħmlu bosta attivitajiet matul is-sena, u l-Kunsill qatt ma naqas li jagħti l-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu sa' fejn dan hu permess. Il-Kunsill qed dejjem jaħdem biex ikun jista' itejjeb is-servizz tiegħu lill-għaqdiet kollha. Fl-stess ħin Il-Kunsill Lokali tal-Imsida jixtieq jerġa jirringrazzja lil dawk il-voluntiera kollha li mingħajr il-ħidma tagħhom żgur ma jkunx possibbli li l-attivitajiet jew inizjattivi oħra bħal tindif fil-lokalita' issiru.

## 12- Konklużjoni

Matul is-sena 2019 saru żewġt laqgħat pubbliċi skont dak mitlub mill-Leġislazzjoni biex ir-residenti jkunu nfurmati bil-ħidma tal-kunsill u l-pożizzjoni finanzjarja sa tmiem is-sena preċedenti u sabiex ikunu jistgħu jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom għall pjan ta' ħidma għas-sena suċċessiva.(Nota) Minħabba miżuri li qed jittieħdu għas-sitwazzjoni Covid 19 il-laqgħa pubblika ma setgħetx issir sal-15 ta'April.

Kunsill Lokali L-Imsida
Ċentru Ċiviku, Pjazza Menqa,
L-Imsida
Tel: 21334343 Email: msida.lc@gov.mt

Il-Kunsill Lokali L-Imsida jixtieq jistieden lir-residenti kollha tal-Imsida li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali u li huma eleġibbli jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill, sabiex jattendu għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li ser tittella' nhar il-Ħamis 28 ta' Frar, 2019, fil-5.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.

Matul din il-laqgħa jingħata rendikont tal-ħidma tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet. Wara r-residenti jkollhom iċ-ċans sabiex iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida

It-Tmien LEGISLATURA
Laqgħa Publika

Il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2019.

Il-Kunsill Lokali L-Imsida jixtieq jistieden lir-residenti kollha tal-Imsida li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali u li huma eleġibbli jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill, sabiex jattendu għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li ser tittella' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru, 2019, fil-5.30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.

Matul din il-laqgħa ser jiġi diskuss il-programm ta' ħidma tal-Kunsill għall din il-leġislatura. Wara r-residenti jkollhom iċ-ċans sabiex iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

IFFIRMATA

Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida

Filwaqt li l-kunsill Lokali l-Imsida qed iwassal rapport dettaljat għal ħidma ta'matul is-sena qatt ma hu possibbli twassal il-volum ta' attività li ta'kuljum tkun għaddejja matul is-sena.

Dan ir-rapport għandu jitniehed bħala kontinwazzjoni tar-rapporti tas-sena preċedenti flimkien ma' pjan ta'ħidma preżentat fl-ahhar ta'Settembru li wassal 81 proposta. Ħafna minn dawn huma inklużi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2020 biex jibdew jitwettqu.Il-pożizzjoni finanzjarja preżenti u l-pjan ta' ħidma mfassal qed jagħtu indikazzjoni ċara fejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida rrid jasal fis-snin li ġejjin.

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati, lill-ħaddiema u l-volontarji tal-Kunsill, tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera, seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

15ta'April 2015